

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-30 ta' Jannar 2013 — Wahlström vs Frontex

(Kawża F-87/11) ⁽¹⁾

(“Servizz Pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat — Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg — Proċedura — Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali — Kompetenza”)

(2013/C 147/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kari Wahlström (Alimos, il-Greċja), (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex), (rappreżentanti: S. Vuorenola u H. Caniard, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ma jiġix imġedded il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju tar-rikorrenti.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tad-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-10 ta' Diċembru 2010, li ma jiġix imġedded il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju ta' K. Wahlström hija annullata.*
- (2) *L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbat i-ispejjeż sostnuti minn K. Wahlström.*

⁽¹⁾ ĠU C 347, 26.11.2011, p. 45.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Marzu 2013 — Taghani vs Il-Kommissjoni

(Kawża F-93/11) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla ta' nuqqas ta' ammissjoni għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni — Rimedji ġudizzjarji — Rikors ġurisdizzjonali ppreżentat mingħajr stennija għad-deċiżjoni dwar l-ilment — Ammissibbiltà — Bdil fl-avviż ta' kompetizzjoni wara li saru t-testijiet ta' ammissjoni — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Ċertezza legali)

(2013/C 147/58)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jamal Taghani (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kommissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni meħuda mill-President tal-Bord tal-Għażla tal-Kompetizzjoni EPSO/AST/111/10 — Segretarji (AST 1) li r-rikorrent ma jitħallix jagħmel l-eżamijiet ta' evalwazzjoni.

Dispożittiv tas-sentenza

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AST/111/10, tal-15 ta' Ġunju 2011, li ma taċċettax li J. Taghani jagħmel l-eżamijiet ta' evalwazzjoni hija annullata.*
- (2) *Il-Kommissjoni Ewropea hija kkundannata tagħti lil J. Taghani EUR 1 000.*
- (3) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- (4) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 347, 26.11.2011, p. 46

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Marzu 2013 — van der Aat et vs Il-Kommissjoni

(Kawża F-111/11) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-membri l-oħra tal-persunal — Artikoli 64, 65 u 65a tar-Regolamenti tal-Persunal — Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal — Regolament (UE) Nru 1239/2010 — Koeffiċjenti ta' korrezzjoni — Uffiċjali assenjati f'Ispra)

(2013/C 147/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: van der Aat et (Besozzo, l-Italja), (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal, u D. Abreu Caldas, avukati)

Konvenuta: Il-Kommissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-dikjarazzjonijiet ta' remunerazzjoni tar-rikorrenti ta' Frar 2011 u d-dikjarazzjonijiet ta' remunerazzjoni tax-xhur ta' wara li japplikaw il-koeffiċjent ta' korrezzjoni ġdid għall-belt ta' Varese skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010, tal-20 ta' Diċembru 2010.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Ir-rikorrenti għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom u huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tal-Kommissjoni Ewropea.*